**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Hubert Cini]**

**vs**

**Sean Sinclair Pace**

**Kumpilazzjoni Numru: 444/18**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Sean Sinclair Pace detentur tal-karta tal-identita` numru 89096M akkuzat talli fl-10 ta' Lulju 2018 ghall-habta ta' bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u t-tlieta nieqes kwart ta' wara nofsinhar (14:45hrs) gewwa 30, "St. Mary", Triq id-Dghajjes, Paola, Malta:

1. Ikkometta serq ta' zewg crieket tad-deheb ghal valur ta' €2000, camera tar-ritratti u mobile phone ghal valur ta' €140 liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u lok ghad-

dannu tal-genituri tieghu Rita Pace u Emanuel Pace u dan bi ksur tal-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, dahal fil-fond 30, St. Mary, Triq id-Dghajjes, Malta: jew lok iehor jew f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat ehor, ghall-fatt biss tad-dhul hawn fuq imsemmi, meta mic-cirkostanzi kien jidher li l-hsieb tal-hati kien li jaghmel serq jew hsara lil proprjeta` jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d), inkella meta kien ga gie kkundannat ghal xi reat minn dawn jew ghal wahda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338(i) u (w), u dan bi ksur tal-Artikolu 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegħhom jew imexxihom, dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali ta' Malta Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-ghoxrin (20) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) fejn il-Qorti ghamlet komunika lill-Ufficjal tal-Probation sabiex jithejja *Pre Sentencing Report*;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja kif ukoll l-istqarrija tal-imputat;

Rat illi l-Ufficjal tal-Probation ma pprezenta l-ebda *Pre Sentencing Report* izda xehdet il-*Probation Officer* Annabel Bugeja li qalet li mill-informazzjoni li ingabret jidher li l-imputat ghandu problema ta' droga liema problema llum tinsab ikkontrollata. Qalet li l-problema bdiet fis-sena 2002 pero` din is-sena (2018) l-imputat iddecieda li jindirizzaha u fittex l-ghajnuna tal-Caritas. Il-*Probation Officer* qalet ukoll li

l-imputat f'Lulju 2018 dahal San Blas fejn ikkompleta l-fazi tax-xelter u anki tela' ghall-fazi residenzjali izda spicca ghamel l-*evening programme* minflok. Xehdet li Stephanie Grech ikkonfermat li l-perjodu ta' tliet xhur fejn l-imputat kellu jissottometti kampjuni tal-awrina gie kwazi fi tmiemu u issa l-imputat ser jibda *evening programme*. Qalet li huwa qieghed jahdem, huwa *clean* u jidher li ghandu relazzjoni tajba mal-familja tieghu u ma' martu. Ix-xhud ikkonkludiet billi rrakkomandat li l-imputat jinghata Ordni ta' *Probation* sabiex jigi assigurat li l-imputat ikompli fit-triq stabbli li qabad u jlesti l-*evening programme*.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 330, 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat Sean Sinclair Pace hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u bl-applikazjzoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tliet (3) snin. Inoltre u a bazi tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed timponi Ordni ta' Trattament ghal tliet (3) snin liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk l-Ordni ta' *Probation* u l-Ordni ta' Trattament ma jigux obduti.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**